MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta tad-29 ta' Lulju, 2015

Appell Civili Numru. 26/2014

**Seduta tad-29 ta’ Lulju 2015**

**Appell Numru: 26/2014**

**Donna Ohayon K.I. 570790M**

**Vs**

**Direttur tas-Sigurta Soċjali**

Il-Qorti,

Rat id-decizjoni tat-28 ta’ Ottubru 2014, fejn l-Arbitru ippronunzja s-segwenti decizjoni:

*"Meta issejjaħ l-appell, dehret l-appellanti assistita mill-Avukata J Camilleri. Deher ir-rappreżentant tad-Dipartiment.*

*L-Arbitru wara li sema' lill-appellanti u l-Avukata tagħha u ħa konjizzjoni tal-aħħar sottomissjonijiet tad-Dipartiment dwar ir-reġistrazzjoni tal-minuri mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni, hu tal-fehma illi l-verżjoni mogħtija mill-appellanti hija kredibbli u għalhekk dan l-appell għandu jiġi milqugh."*

Illi minn din is-sentenza ħassu aggravat id-Direttur tad-Dipartiment tas-Sigurta Soċjali għaliex fid-deċiżjoni tiegħu l-Arbitru laqa' l-appell mingħajr motivazzjoni adegwata u ikkonkluda li l-verżjoni mogħtija mill-appellata hija verosimili mingħajr ma ta r-raġunjiet li fuqhom ibbaża tali konklużjoni u dan skond kif kien rikjest mill-artikolu 218 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-fatti kif jirriżultaw huma s-segwenti:-

Illi d-Dipartiment tas-Sigurta Soċjali informa lill-benefiċjarja illi minn investigazzjoni li saret mid-Dipartiment ġie stabbilit li b'effett mill-10 ta' Diċembru 2013 hija ma kenitx qiegħda tifforma familja għal rasha u/jew li qed tabita fl-indirizz mogħti minnha lid-Dipartiment tas-Sigurta Soċjali, u ċioe Flat 5, Blk C, Triq il-Ġilju, Zabbar. Għaldaqstant irriżulta illi hija tħallset żejjed is-somma ta' €217.15c fl-Allowance tat-Tfal li rċeviet għall-perjodu bejn l-14.02.2013 u l-4.04.2014. Hija ġiet informata li ser tibda tirċievi l-Allowance tat-Tfal bir-rata minima kif ukoll li l-ħlas żejjed kien ser jitnaqqas lilha.

Illi l-benefiċjarja Donna Ohayon appellat minn din id-deċiżjoni bl-ilment illi hija tgħix fl-indirizz idikjarat minnha u ċioe Flat 5 Blk C Triq il-Ġilju Żabbar, kif ilha tagħmel matul ħajjitha kollha

Quddiem l-Arbitru, id-Direttur appellanti kien issottometta illi wara spezzjoni li saret mill-ispetturi tad-Dipartiment għall-Investigazzjoni ta’ Frodi ta’ Benefiċċji fl-indirizz 7, Clair Court, Flat 1, Triq Ġanaton Tanti, Tarxien, hareg illi l-benefiċċjarja kienet qiegħda tabita flimkien mas-sieħeb tagħha ġewwa dak il-fond.

Id-Direttur issottometta ukoll illi d-Dipartiment kellu ukoll informazzjoni illi t-tifel tal-benefiċċjarja, Noah Pavia kien beda jmur l-iskola ta’ Raħal Ġdid fl-1 ta’ Frar 2013 u li l-*contact address* li l-benefiċċjarja tat lid-Dipartiment tal-Edukazzjoni kien dak tas-sieħeb tagħha u ċioe ta’ 7, Clair Court, Flat 1, Triq Ġanaton Tanti, Tarxien.

Id-Direttur kompla jissottometti u jgħid illi waqt l-investigazzjoni l-ispetturi li żaru ir-residenza iddikjarata tal-benefiċċjarja u ċioe f’Ħaż-Żabbar sabu illi l-benefiċċjarja ma kenitx qiegħda tirrisjedi b’mod permanenti f’dan l-indirizz (rapport qiegħed esebit fi proċess nru 27/2014).

Illi din il-Qorti kif diversament ippresjeduta ippronunzjat ruhha b’mod kopjuz ghar-rigward ta’ dan il-gravam billi jigi spiss ilmentat illi id-decizjonijiet moghtija mit-tribunali bhal ma’ hu dak in dizamina ma jkunux sufficjentement immotivati u ma jaghtux ir-raguni li wassal lil gudikant ghad-decizjoni tieghu.

Illi gie deciz in materia:

*“… ghalkemm il-motivazzjoni hi ta’ essenza f’kull gudikat, mhux necessarju li din tkun wahda bilfors elaborata, u tista’, anzi, tkun wahda skematika, basta li minnha tkun tista’ tigi individwata r-raguni li titqieghed abbazi tad-decizjoni.*

*Ara ad ezempju d-decizjoni fl-ismijiet "Joseph Mercieca -vs- Water Services Corporation", Appell Inferjuri, 27 ta' Frar, 2009. Irid jinghad illi din l-espressjoni ta' fehma giet, sa recentement hafna, abbraccjata mill-Qorti ta' l-Appell kolleggjali in re: "Frank P. Borg Limited -vs- Joseph Camilleri", 28 ta' Mejju,2010;*

*Ghandu jigi osservat illi f'dik l-istess sentenza ta' din il-Qorti kif presjeduta nghad ukoll illi "f'adempiment ta' l-obbligu tal-motivazzjoni l-gudikant mhux tenut li joqghod jaghmel apprezzament singolari tar-rizultanzi kollha processwali jew tal-punti kollha ta' dritt izda sufficjenti li hu jindika l-elementi li fuqhom ikun qieghed jiffonda d-decizjoni tieghu".*

*Maghdud dan, huwa dejjem opportun li jigi mfakkar ukoll il-principju bazilari li l-litigand ghandu jinghata raguni ghaliex il-meritu kien qed jigi deciz kif fil-fatt gie deciz. "Dan mhux biss biex tigi assigurata t-trasparenza tal-gudizzju imma ukoll biex tkun tista' tigi verifikata l-gustizzja tal-gudikat. Id-decizjoni kellha almenu tinvesti l-mertu tat-talbiet kif proposti u l-eccezzonijiet ghalihom" ("Kruger Limited -vs- Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud", Appell, 13 ta' Lulju 2001). Fil-fattispeci, allura, ghaliex il-gravam kien qed jigi michud. Decizjoni din li kellha tkun appoggjata minn motivazzjoni adegwata li tipprovdi s-sodisfazzjoni minimu lill-appellanti ghaliex l-Arbitru jkun wasal ghal dak il-konvinciment tieghu; Ma ghandu qatt jintilef di vista illi s-sufficjenza u r-razzjonalita` tal-motivazzjoni timplika logikament ir-raffront bejn ir-raguni tad-decizjoni u rrizultanzi probatorji. Ara f'dan is-sens id-decizjonijiet ta' din il-Qorti flismijiet "Anthony Galdes Giappone -vs- Direttur tas-Sigurta` Socjali", 9 ta' Jannar, 2009 u "Mary Bonavia -vs- Diretur tas-Sigurta` Socjali", 30 ta' Jannar, 2009*[1]*;*

[1] 29 ta' April, 2015, Appell Civili Numru. 4/2014, George Borg Vs Direttur tas-Sigurta Soċjali, liema sentenza irreferiet għas-sentenza Ronnie Gauci vs Direttur ghas-Sigurta Socjali (App.Inf. 06/10/2010)

Illi din il-Qorti tikkondividi bi shih dan l-insenjament gudizzjarju. Jingħad illi l-Arbitru laqa' l-appell ta' Donna Ohayon abbazi tal-motivazzjoni singolari li ighid hekk: '*L-Arbitru wara li sema' lill-appellanti u l-Avukata tagħha u ħa konjizzjoni tal-aħħar sottomissjonijiet tad-Dipartiment dwar ir-reġistrazzjoni tal-minuri mad-Dipartiment tal-Edukzzjoni, hu tal-fehma illi l-verżjoni mogħtija mill-appellanti hija kredibbli u għalhekk dan l-appell għandu jiġi miċħud.*

Din il-Qorti tosserva illi ġaladarba hemm verżjoni waħda mogħtija quddiem l-Arbitru, u ċioe l-iskrittura datata 10 ta' Marzu 2014, mibgħuta mill-benefiċjarja lill-uffiċju tal-Arbitru, allura jista' jingħad illi l-Arbitru kien qiegħed jirreferi għal dak id-dokument meta fid-deċiżjoni tiegħu isemmi l-verżjoni mogħtija mill-appellanti.

Pero jiġi osservat illi l-Arbitru ma jagħtix il-motivazzjoni li wasslitu għall-konklużjoni tiegħu u b'hekk, il-vot tal-ligi, u ċioe l-artikolu 218 tal-Kap 12, sabiex id-decizjoni titqies wahda valida, mhux sodisfatt. Illi dan huwa mehtieg sabiex kwalunkwe gudizzju ikun trasparenti u sabiex il-parti sokkombenti ghal tali gudizzju ikollha kif huwa dritt taghha il-mottiv fattwali u legali li wassal ghal tali decizjoni. (**Appell Civili Numru. 21/2012 ALOYSIA FAVA Vs DIRETTUR TASSIGURTA SOCJALI 16 ta' Dicembru, 2014**)

*Kull sentenza tirrikjedi li tkun sostenuta minn motivazzjoni. Motivazzjoni din li kellha tkun tali li fil-minimu tissodisfa fuq kollox lill-partijiet in kawza fuq il-korrettezza fattwali u guridika tar-ragunijiet li wasslu ghad-decizjoni" Gordon Agius -vs- Avukat Generali et", Appell, 20 ta' Dicembru, 2000. Jigifieri, anke jekk mhux elaborata, il-motivazzjoni riedet tkun wahda adegwata, ko-erenti u, almenu, sorretta minn iter ta' hsieb intelligibbli. Ġie ritenut ukoll illi "il-*

*process tal-gustizzja huwa fin u delikat, li harament ikollu success meta wiehed jaghzel li jimxi fit-triq il-qasira biex jasal malajr. Min hu mghobbi bir-responsabilita` tal-gudizzju ma jistax jiehu short cut fejn il-gustizzja ma tkunx tippermettilu li jaghmel dan. Diversament l-effett kumulattiv jista' jkun li tintilef il-kredibilita`, b'gudikati li ma jkunux motivati sewwa u b'hekk issir hsara kbira lill-amministrazzjoni tal-gustizzja" - Michael Gatt -vs- LAwtorita` ta' l-Ippjanar", 19 ta' Novembru, 2001*[2].

Ghal motivi kollha premessi din il-Qorti qeghda tilqa' l-aggravju tad-Direttur tas-Sigurta Soċjali u konsegwentement tannulla s-sentenza appellata.

Tirrimanda l-atti lura lill-Arbitru ghal decizjoni motivata skond il-ligi.

L-ispejjez relattivi ta' dan l-appell jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[2] Anna Maria Cavallari Vs Direttur tas-Sigurta` Socjali tal-25 ta' Frar, 2015 Appell Civili Numru. 4/2012